



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Frar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0048(NLE)

6446/21
ADD 26

RECH 72
COMPET 123
IND 40
MI 105
SAN 82
TRANS 94
AVIATION 42
ENER 50
ENV 94
SOC 95
TELECOM 70
AGRI 79
SUSTDEV 22
REGIO 29
IA 22

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 38 final - Part 5/9.
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa Sħubija Ewropea għat-Trasformazzjoni tas-sistema ferrovjarja tal-Ewropa

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 38 final - Part 5/9..

Mehmuż: SWD(2021) 38 final - Part 5/9.



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2021
SWD(2021) 38 final

PART 5/9

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta'
Orizzont Ewropa**

Sħubija Ewropea għat-Trasformazzjoni tas-sistema ferrovjarja tal-Ewropa

{COM(2021) 87 final} - {SEC(2021) 100 final} - {SWD(2021) 37 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv (Massimu ta' 2 paġni)
Valutazzjoni tal-impatt dwar sħubija Ewropea għat-trasformazzjoni tas-sistema ferrovjarja tal-Ewropa
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
Il-problema li għandha tiġi indirizzata hija n-nuqqas tal-industrija ferrovjarja li tiżviluppa viżjoni komuni għall-bidla, billi tippermetti l-użu rapidu ta' teknoloġiji moderni (speċjalment id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni) biex twassal sistema ferrovjarja interoperabbli bis-shiġh, flessibbli u kosteffiċjenti. Il-kawżi prinċipali huma: • il-frammentazzjoni tal-industrija — l-użu effettiv tal-biċċa l-kbira tal-innovazzjonijiet f'sistema kumplessa ħafna teħtieġ il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, bejn l-infrastruttura u l-materjal fuq ir-roti, u bejn l-iżviluppaturi ta' subsistemi differenti; • il-ħtieġa għal koerenza bejn ir-R&I u l-istandardizzazzjoni/ir-regolamentazzjoni; • il-parteċipazzjoni limitata u mhux koordinata fir-R&I; • il-kostijiet għoljin, ir-riskji u ż-żmien ta' tħejjija tar-R&I; u • l-allinjament insuffiċjenti. Il-konsegwenzi, li jaffettwaw lill-partijiet ikkonċernati kollha tul il-katina tal-valur, huma li s-settur ferrovjarju: ✗ jikkontribwixxi b'mod limitat għal sistema tat-trasport aktar sostenibbli; ✗ jiddependi fuq prodotti personalizzati, li huma għaljin u inflessibbli fl-operazzjoni; u ✗ huwa inqas kompetittiv <i>vis-à-vis</i> modi oħra ta' trasport.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
L-oġġettivi prinċipali huma: ➤ li jiġu mmodernizzati l-ferroviji fl-Ewropa biex jiżdied is-sehem tagħhom mis-suq; ➤ li tappoġġa l-merkanzija bil-ferroviji sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport; u ➤ li tavvanza t-tlestija ta' żona ferrovjarja unika Ewropea billi twettaq sistema ferrovjarja integrata u sostenibbli billi tieħu vantaġġ shiġh mid-diġitalizzazzjoni u mill-awtomatizzazzjoni. B'hekk, dan se jsaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-industrija ferrovjarja għall-iżvilupp soċjetali fl-UE, iżid il-potenzjal u l-kapaċità tal-merkanzija bil-ferrovija, u jiżgura li r-R&I relatati mal-ferrovija jkunu bbażati fuq approċċ iffukat fuq l-utent li jkun aktar adattat għall-ħtiġijiet tas-suq.
X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Strateġija komuni Ewropea għar-R&I relatati mal-ferroviji se tgħin tiżgura approċċ aktar koordinat u ffukat fuq is-suq li jkun kapaċi jlaqqa' lill-partijiet ikkonċernati flimkien biex iwasslu viżjoni kumplessiva komuni. Din se tippermetti lill-industrija ferrovjarja tilħaq l-oġġettivi Ewropej tat-trasport u tal-politika aktar wiesgħa, billi żżid l-attraenza tat-trasport ferrovjarju meta jiġi mqabbel ma' modi oħra.

B. Soluzzjonijiet
X'inhuma d-diversi għażliet biex jinkisbu l-oġġettivi? Hemm jew le xi għażla ppreferuta? Jekk le, għaliex?
L-għażliet huma li r-R&I ferrovjarja tiġi appoġġata permezz ta': • sejħiet għal proposti tradizzjonali ta' Orizzont Ewropa; • sħubija koprogrammata; jew • sħubija istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 187 tat-TFUE. Is-sħubija istituzzjonalizzata hija l-għażla ppreferuta, peress li hija l-unika waħda li ttipprovdi pjattaforma għall-iżvilupp komuni tar-R&I li joffri viżjoni kumplessiva koerenti. Hija wkoll l-aħjar biex ttipprovdi strateġija u impenn fit-tul mill-industrija u mill-UE. Hija tat prova tal-valur tagħha fl-impriża konġunta S2R attwali. L-istabbiltà ta' din l-għażla u l-impenji legalment vinkolanti mill-UE u mis-sħab tal-industrija se jkunu fundamentali biex il-partijiet ikkonċernati jkunu involuti wara l-pandemija tal-Covid-19 u l-impatti ekonomiċi mistennija tagħha, li jistgħu jinkludu tnaqqis fl-investment tas-settur tar-R&I.
X'jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?
Iktar minn 65 % tar-rispondenti indikaw li s-sħubijiet istituzzjonalizzati huma l-iktar mod xieraq biex jiġu indirizzati l-isfidi ferrovjarji u biex tiġi ttrasformata s-sistema ferrovjarja Ewropea. B'mod partikolari, huma semmew iċ-ċiklu sħiħ tal-iżvilupp ta' prodott, l-impenn fit-tul u l-adozzjoni mis-suq.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?
Sħubija istituzzjonalizzata hija l-aħjar mod biex jiġi żgurat li s-setturi privati u pubbliċi jibqgħu impenjati bis-sħiħ fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strateġija fit-tul għar-R&I ferrovjarja, filwaqt li tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni wiesgħa mill-partijiet ikkonċernati ewlenin. Din l-għażla tiżgura impatti xjentifiċi, ekonomiċi, teknoloġiċi u soċjetali sostanzjali, eż, l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi u tnaqqis tal-emissjonijiet. Barra minn hekk, se tingrana riżorsi finanzjarji industrijali <i>in natura</i> biex timmassimizza l-impatt tal-finanzjament tal-Kummissjoni.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?
L-impriża konġunta S2R tiswa EUR 3.5 miljun (EUR 1.6 miljun kostijiet amministrattivi + EUR 1.9 miljun kostijiet tal-persunal) għal kull sena ta' operazzjoni. Il-kostijiet operazzjonali totali tagħha ma jistgħux jaqbu l-EUR 27 miljun (50 % mill-UE; 50 % mill-membri l-oħra). Dawn il-kostijiet ta' linja bażi jenħteġ li jiġu adattati abbażi tal-ambizzjoni, tal-programm u tal-baġit tas-Sħubija kandidata għat-Trasformazzjoni tas-Sistema Ferrovjarja tal-Ewropa.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?
Il-parteċipazzjoni wiesgħa tal-partijiet kkonċernati u l-ħolqien ta' networks li jgħaqqdu l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet li huma bbażati fuq ir-riċerka fil-kuntast tal-koordinazzjoni ta' sħubija futura se trawwem involviment akbar mill-SMEs, li għandhom il-flessibilità biex jiżviluppaw l-innovazzjonijiet u jwassluhom fis-suq b'mod relattivament rapidu. Sħubija istituzzjonalizzata jkollha impatt sinifikanti fuq il-kompetittività kemm tal-industrija tat-trasport

ferrovjarju kif ukoll tal-industrija tal-provvista ferrovjarja. Din se tiżgura li proporzjon kbir tal-eżiti tar-R&I jiġu addottati mis-suq.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Sħubija istituzzjonalizzata tkun tista' tissimplifika l-amministrazzjoni relatata mal-parteċipazzjoni tal-membri fl-attivitajiet tar-R&I. Din tista' tiżgura l-allinjament bejn l-iżvilupp ta' programmi nazzjonali tar-R&I ferrovjarja u għaldaqstant, użu kumplessiv tar-riżorsi pubbliċi.
Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra?
L-inizjattiva se: ✓ ssaħħaħ b'mod sinifikanti d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE permezz ta' enfasi akbar fuq l-integrazzjoni tas-sistemi ferrovjarji nazzjonali, reġjonali u lokali ma' modi oħra ta' trasport; u ✓ tippermetti djalogu effettiv bejn dawk involuti fl-attività tar-R&I u dawk responsabbli għall-politika u r-regolamentazzjoni ferrovjarja fil-livell internazzjonali u nazzjonali (inklużi l-korpi standard internazzjonali).
Proporzjonalità?
Sħubija istituzzjonalizzata se tiżgura li s-setturi privati u pubbliċi jibqgħu involuti bis-sħiħ fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strateġija fit-tul tar-R&I ferrovjarja, u tingrana riżorsi industrijali finanzjarji <i>in natura</i> biex timmassimizza l-impatt tal-finanzjament tal-Kummissjoni u twettaq il-prijoritajiet tal-“patt ekoloġiku”. Għaldaqstant, l-għażla ppreferuta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex tiġi solvuta l-problema oriġinali u biex jintlaħqu l-oġettivi tal-inizjattiva.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Se titwettaq evalwazzjoni interim tas-sħubija istituzzjonalizzata proposta, wara li tkun ilha topera għal tliet snin.